REPUBBLIKA TA' MALTA

QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

ATT TA' AKKUZA Nru.14/2007

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

kontra

Hadish Abayu ta' Nazzjonalita Ethiopiana, bin Abayu u Mana, imwieled f'Tigray l-Ethiopia fid-29 ta' Mejju 1958. Maghruf bin-numru tal-Pulizija 05NN-085.

Illum 13 ta' Jannar, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza nru. 14 tas-sena 2007 migjuba fil-konfront ta' Hadish Abayu, maghruf bin-numru tal-pulizija 05NN-08, fejn l-avukat generali fl-ewwel kap ippremetta:

Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru, elfejn u hamsa (2005) u fil-jiem ta qabel Hadish Abayu ftehem ma diversi persuni biex idahhalhom Malta illegalment permezz ta' dghajsa mil-Libja. Infatti, hu organizza dan flimkien ma haddiehor u gabar ammont konsiderevoli ta flus minghand dawn il-barranin. Illi bl-agir tieghu hu irnexxielu idahhal Malta illegalment il-fuq minn mija u tmenin barrani bi profit kbir ghalih.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Hadish Abayu sar hati ta' traffikar fil-persuni sabiex dawn jiddahlu jew jinhargu minn Malta kontra il-ligi billi bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuna ohra tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog jew taghmel tentattiv biex tohrog minn

Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li, sew f' Malta sew barra minn Malta, ikkongura f'dak is-sens ma' persuna ohra, b'dan li l-ghadd ta'persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura kien aktar minn tlieta.

Ghaldaqastant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Hadish Abayu hati ta' traffikar fil-persuni sabiex dawn jiddahlu jew jinhargu minn Malta kontra il-ligi billi bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuna ohra tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li, sew f' Malta sew barra minn Malta, ikkongura f'dak is-sens ma' persuna ohra, b'dan li l-ghadd ta'persuni mghejjuna, assistiti , moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura kien aktar minn tlieta; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija minn tmintax il-xahar sa tnax il-sena sena u multa ta' ghaxart elef lira skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 337A u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fit-tieni kap ippremetta:

Illi fiz- zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe fil- 25 ta' Settembru 2005 u granet qabel Hadish Abayu assocja ruhu ma nies ohra biex jittraffka persuni lejn Malta illegalment u dan ukoll fil-Libja fejn ottjena dghajsa ghal dan il-ghan bi ftehim ma organizzaturi ohra ta' dawn il-vjaggi klandestini.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Hadish Abayu sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt Malta li ghalih hemm il-pena ta' prigunerija u cioe ta traffikar fil-persuni sabiex dawn jiddahlu jew jinhargu minn Malta kontra il-ligi billi bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuna ohra tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li, sew f' Malta sew barra minn Malta, ikkongura f'dak is-sens ma' persuna ohra, b'dan li l-ghadd ta'persuni mghejjuna, assistiti , moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura kien aktar minn tlieta.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Hadish Abayu hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt Malta li ghalih hemm il-pena ta' prigunerija u cioe ta traffikar fil-persuni sabiex dawn jiddahlu jew jinhargu minn Malta kontra il-ligi billi bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuna ohra tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog

jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li, sew f' Malta sew barra minn Malta, ikkongura f'dak is-sens ma' persuna ohra, b'dan li l-ghadd ta'persuni mghejjuna, assistiti , moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura kien aktar minn tlieta; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija minn disa xhur sa sitt snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 48A, 337A u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat il-verdett tal-gurija ta' llum stess;

L-Ewwel Kap:

Il-gurati, b' 6 voti favur u 3 voti kontra, isibu l-akkuzat Hadish Abayu mhux hati skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

It-Tieni Kap:

Il-gurati, b' 6 voti favur u 3 voti kontra, isibu l-akkuzat Hadish Abayu mhux hati skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ghalhekk il-gurati ma sabux lil akkuzat hati tal-ebda kap tal-att tal-akkuza;

Wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali tiddikjara lil Hadish Abayu, mhux hati taz-zewg kapi dedotti kontrih.

Il-Qorti ghalhekk qed tillibera lil Hadish Abayu mill-akkuzi dedotti kontra tieghu fl-Att ta'l-Akkuza u sakemm mhux mizmum taht kustodja ghall-ragunijiet ohra, tordna li jinghata l-liberta' minnufih.

**Edwina Grima**
**Imhallef**